MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-16 ta' Lulju, 2025

Appell Inferjuri Numru 5/2025 LM

**Mamdouh Altllas**
*('l-appellant')*

***vs.***

**Id-Direttur taċ-Ċittadinanza u Affarijiet tal-Espatrijazzjoni; u L-Aġenzija Identity Malta**
*('l-appellati')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Mamdouh Altllas** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'] mid-deċiżjoni mogħtija fit-23 ta' Jannar, 2025, [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mill-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni [minn issa 'l quddiem 'il-Bord'] fl-ismijiet fuq premessi, wara li fis-sentenza tagħha tat-3 ta' April, 2024 din il-Qorti kienet ordnat li l-atti jintbagħtu lura

quddiem il-Bord għal deċiżjoni mill-ġdid fir-rigward tat-talbiet tar-rikorrent fil-konfront tal-intimati **d-Direttur taċ-Ċittadinanza u Affarijiet tal-Espatrijazzjoni**, u **l-Aġenzija Identity Malta** [hawnhekk 'l-appellati'], wara li jieħu konsiderazzjoni tal-imsemmija sentenza. Ir-rikorrent kien appella mid-deċiżjoni tal-Bord li ngħatat fl-14 ta' Settembru, 2023, u din il-Qorti laqgħet l-aggravji tiegħu, b'dan illi ordnat li l-atti għandhom jintbagħtu lura quddiem il-Bord sabiex dan jiddeċiedi dwar it-talbiet tar-rikorrent wara li jieħu konsiderazzjoni tal-imsemmija sentenza ta' din il-Qorti. Permezz tad-deċiżjoni appellata, il-Bord iddeċieda illi:

> *"In vista tal-kunsiderazzjonijiet ta' dan il-Bord, il-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni jiċħad l-appell tal-appellant u jżomm ferm mas-sentenza tiegħu tal-14 ta' Settembru, 2023.".*

## Fatti

2. Ir-rikorrent ressaq dan l-appell fit-30 ta' Jannar, 2025 mid-deċiżjoni mogħtija mill-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni fit-23 ta' Jannar, 2025, wara li din il-Qorti kienet bagħtet l-atti quddiem il-Bord sabiex dan jiddeċiedi dwar it-talbiet tar-rikorrent billi jieħu konsiderazzjoni tas-sentenza ta' din il-Qorti mogħtija fit-3 ta' April, 2024.

## Mertu

3. Permezz tal-appell li ressaq quddiem il-Bord fil-25 ta' Novembru, 2022, ir-rikorrent spjega li huwa twieled is-Sirja fl-1 ta' Jannar, 1984, u fit-22 ta' Novembru, 2022 huwa ġie mgħarraf mill-Aġenzija Identity Malta li l-applikazzjoni tiegħu sabiex jingħata permess ta' residenza abbażi tal-fatt li huwa ġenitur ta'

minorenni li huma ċittadini Maltin, ġiet rifjutata. Bħala raġuni għal dan ir-rifjut, l-Aġenzija Identity Malta qalet li kien hemm rakkomandazzjoni negattiva mill-Pulizija ta' Malta, li tgħid li r-rikorrent għandu jitqies li huwa ta' theddida għas-sigurtà pubblika. Ir-rikorrent spjega li huwa wasal Malta fl-2005, u fit-2 ta' Mejju, 2010 huwa żżewweġ ċittadina Maltija, u ngħata d-dritt li jibqa' jgħix f'Malta abbażi tal-artikolu 4(1)(g) tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta. Spjega li minn dan iż-żwieġ twieldu żewġt itfal minuri, Amir u Yasmine, u huwa kellu permess ta' residenza li kien jgħid li huwa *"persuna eżenti – membru tal-familja"*, b'rimarka addizzjonali li tgħid li huwa *"m'għandux bżonn liċenzja ta' impjieg biex jaħdem jew awtorizzazzjoni biex jirrisjedi f'Malta".* Dan il-permess baqa' jiġġedded sas-sena 2019. Ir-rikorrent spjega li fis-27 ta' Frar, 2020 huwa talab għal tiġdid tal-permess ta' residenza tiegħu. Spjega li fit-3 ta' Frar, 2022 huwa ssepara minn ma' martu, u għalhekk ma baqax igawdi d-dritt tal-moviment ħieles *ai termini* tal-artikolu 4(1)(g) tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta. Qal li kien għalhekk li fit-22 ta' Marzu, 2022 huwa ressaq applikazzjoni quddiem l-Aġenzija Identity Malta għal permess ta' residenza abbażi tal-fatt li huwa ġenitur ta' ċittadini Maltin. Qal li fit-23 ta' Marzu, 2022, l-Aġenzija Identity Malta infurmatu li "*Residence Documentation Application – Form O submission has been set to be approved",* u permezz ta' *email* mibgħuta lilu fl-1 ta' Ġunju, 2022, huwa ġie mgħarraf li fis-6 ta' Ġunju, 2022 kellu jmur fl-uffiċini tal-Aġenzija Identity Malta sabiex jittieħdu l-bijometriċi tiegħu. Ir-rikorrent qal li fis-6 ta' Ġunju, 2022 inħariġlu permess proviżorju li kien validu sas-6 ta' Diċembru, 2022, iżda d-dokument ta' residenza kien għadu ma nħariġx, u għalhekk ir-rikorrent talab li l-permess proviżorju li kien ingħata, jiġġedded għal żmien ulterjuri. Fil-fatt dan il-permess proviżorju ġie mġedded sal-31 ta' Jannar, 2023. Ir-rikorrent spjega li bejn il-25 ta' Lulju, 2022 u

s-17 ta’ Novembru, 2022, huwa għamel diversi talbiet sabiex isegwi l-proċess tal-applikazzjoni għal dokument ta’ residenza, imma fit-22 ta’ Novembru, 2022 huwa ġie mgħarraf li waqt il-proċess ta’ *due diligence* li sar mill-Aġenzija Identity Malta, kien hemm rakkomandazzjoni negattiva mill-Pulizija ta’ Malta li tgħid li l-applikant huwa ta’ theddida għas-sigurtà pubblika.

4. Ir-rikorrent qal li huwa ħassu aggravat b’din id-deċiżjoni, għaliex id-Direttur intimat, li eżamina l-applikazzjoni tiegħu taħt il-prinċipji ġenerali tal-leġislazzjoni tal-immigrazzjoni, filwaqt li indika li kien hemm rakkomandazzjoni negattiva, baqa’ ma tax raġunijiet konkreti u sodisfaċenti għalfejn kien hemm dan it-tħassib li huwa ta’ theddida għas-sigurtà pubblika. Qal li huwa kellu jiġi infurmat bir-raġunijiet li wasslu għar-rifjut tal-applikazzjoni tiegħu *ai termini* tal-artikolu 10(4) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.04. Ir-rikorrent qal li r-Regolamenti tal-Immigrazzjoni jobbligaw lid-Direttur intimat jispjega x’inhuma r-raġunijiet ta’ *policy* pubblika u ta’ sigurtà pubblika li abbażi tagħhom ittieħdet id-deċiżjoni li l-applikazzjoni tiegħu tiġi rifjutata.[1] Ir-rikorrent qal li minkejja li huwa ċittadin ta’ pajjiż terz, huwa wkoll missier ta’ żewġ ċittadini Maltin, u li magħhom għandu rabta b’saħħitha. Qal li skont il-kuntratt ta’ separazzjoni minn ma’ martu, hemm qbil li l-kura u l-kustodja tal-minuri tkun fdata lill-ġenituri b’mod konġunt, minkejja li uliedu minuri għadhom jgħixu fir-residenza tal-omm. Qal ukoll li permezz tal-istess kuntratt ta’ separazzjoni, huwa obbligat iħallas lil martu l-ammont ta’ sitt mitt Euro (€600) fix-xahar għall-manteniment tal-ulied. Ir-rikorrent qal li b’żieda ma’ dan kollu, għandu jirriżulta li huwa wkoll azzjonist u direttur tas-soċjetà Amir Limited. Ir-rikorrent qal li d-deċiżjoni li ttieħdet fil-

[1] Imma dan għandu jsir sakemm ma jmurx kontra l-interess tas-sigurtà ta’ Malta.

konfront tiegħu hija nieqsa mill-proporzjonalità, u l-kondotta personali tiegħu ma ġietx meqjusa. Qal li għalhekk huwa ma jistax jifhem għal liema raġuni huwa qiegħed jitqies li huwa ta' theddida għas-sigurtà pubblika ta' Malta. Huwa staqsa għal liema raġuni, jekk il-Pulizija ta' Malta qiegħda tikkunsidrah ta' theddida għall-*policy* pubblika u għas-sigurtà pubblika, għadhom ma ttieħdu l-ebda passi kontra tiegħu.

5. L-intimata Aġenzija Identity Malta kkonfermat li hija ħarġet l-ittra ta' rifjut tat-22 ta' Novembru, 2022, fejn l-applikazzjoni tar-rikorrent għal permess ta' residenza temporanja ġiet miċħuda abbażi tal-*policy* pubblika u tas-sigurtà pubblika. L-intimata Aġenzija Identity Malta qalet li fil-proċess tad-*due diligence* li sar minnha, ikkunsidrat ir-rakkomandazzjonijiet li għamlu diversi *stakeholders,* minn fejn irriżulta li l-applikazzjoni tar-rikorrent ma ġietx rakkomandata għall-approvazzjoni. L-intimata Aġenzija Identity Malta spjegat li hija tagħmel proċess ta' diliġenza xierqa fir-rigward ta' kull applikazzjoni li tiġi ppreżentata, u l-ittra ta' rifjut inħarġet minnha biss, wara li qieset li l-kriterji stabbiliti fil-leġislazzjoni u fil-*policies* rilevanti, ma ġewx sodisfatti.

6. Din il-Qorti, bis-sentenza tagħha tat-3 ta' April, 2024, iddeċidiet li għandha tilqa' l-aggravji kollha mressqa mill-appellant, u tħassar id-deċiżjoni tal-Bord tal-14 ta' Settembru, 2023, filwaqt li ordnat li l-atti għandhom jintbagħtu lura quddiem il-Bord sabiex dan jiddeċiedi dwar it-talbiet tar-rikorrent wara li jieħu konsiderazzjoni ta' din is-sentenza.

**<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

7. Il-Bord, fid-deċiżjoni tiegħu tat-23 ta' Jannar, 2025, ikkonferma l-ewwel deċiżjoni tiegħu u ċaħad l-appell tal-appellant,

> *Illi din hi sentenza in segwitu għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri li ngħatat nhar it-3 ta' April, 2024 referenza numru 89/2023 LM fejn permezz tal-istess sentenza l-Onorabbli Qorti tal-Appell Sede Inferjuri għar-raġunijiet premessi, iddeċidiet l-appell billi laqgħet l-aggravi kollha mressqa mill-appellant, ħassret id-deċiżjoni appellata, u ordnat li l-atti għandhom jintbagħtu lura quddiem il-Bord sabiex dan jiddeċiedi dwar it-talbiet tar-rikorrent wara li jieħu konsiderazzioni ta' din is-sentenza.*
>
> *Illi nżammu żewġ seduta waħda f'Lulju u waħda f'Awwissu tas-.sena 2024 u wara li kien hemm qbil bejn il-partijiet, il-Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzioni iddifferixxa għas-sentenza.*
>
> ***Fatti***
>
> *Illi l-Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzioni fl-ewwel deċiżjoni tiegħu li ngħatat fl -14 ta' Settembru 2023 kien iddeċieda s-segwenti,*
>
> > "Reference to the considerations above, judgments cited, Articles 3(2), 4(2)(a),(3) and (4) of Chapter 391 of the Laws of Malta and in particular to evidence given by the two high ranking officials from the Executive Police of Malta which evidence cannot be ignored, the Immigration Appeals Board rejects the appeal."
>
> *Illi l-appellant appella minn din id-deċiżjoni u l-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri bis-sentenza tagħha tat-3 ta' April 2024 kif indikat supra bagħtet l-atti lura.*
>
> *Illi nżammu żewġ seduti sussegwentament għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri, Seduta nżammet f'Lulju u seduta nżammet f'Awwissu tas-sena 2024.*
>
> *Illi matul is-seduta li nżammet fil-11 ta Lulju 2024 ġie verbalizzat li l-Bord talab sabiex George Cremona jkun preżenti sabiex jixhed ulterjorment però għas-seduta tal-11 ta' Lulju, 2024 George Cremona ma kienx preżenti.*
>
> *Illi rappreżentanti mill-Agenzija Identità, referibilment Dr Chanel Bantick ivverbalizzat li,*
>
> > "Identità għamlet kuntatt mal-Assisstent Kummissarju George Cremona biex jkun preżenti llum u ġejna infurmati li mgħadtx għandu nformazzioni xi jżid oltre

għal dak li diġà esebixxa fis-seduta quddiem dan l-Onorabli Board qabel ma deċiżjoni marret quddiem l-Imħallef fis-sede inferjuri. Minn naħa tagħna m'ghandniex aktar xi nżidu u dan ghaliex ir-refusal tagħna kienet ibbazata fuq in-non recommendation li ħarġet minn għandhom stess. Jigifieri minn naħa tagħna nistgħu mmorru għas-sentenza.".

*Illi fis-seduta ta' Awwissu 2024 ġie verbalizzat li jista' jkun il-każ li jkun hemm rikunsiderazzioni tal-applikazzjoni tal-appellant però dan ma averax ruħu u l-Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni ser jgħaddi għas-sentenza tiegħu.*

***Kunsiderazzionijiet***

*Illi l-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzioni reġa' ra l-Atti kollha ta' dan l-appell, is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u l-verbali tas-seduti li nżammu sussegwenti għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u jinsab moralment konvint li x-xhieda li taw is-Superintendent Louise Calleja mill-Korp tal-Pulizija u x-xhieda tas-Superintendent George Cremona mill-Unit Kontra t-Terroriżmu ma jistgħux jittieħdu b'mod leġġer.*

*Hawn si tratta dwar is-sigurtà nazzionali tal-Istat Malti u x-xhieda ta' żewġ uffiċjali f'kariga għolja fil-Korp tal-Pulizija għalkemm mhiex sostanzjata xorta waħda għandha piż u ma tistax tiġi skartata jew tittieħed b'leġġerezza. Il-Qorti tal-Appell stess fis-sentenza tagħha rrimarkat li hemm regoli stretti dwar l-iżvelar ta' informazzjoni li tkun fil-pussess tas-Servizzi tas-Sigurtà.*

*Ii-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzioni jinsab moralment konvint li r-rifjut ibbażat fuq intelligenza barranija li l-Korp tal-Pulizija għandu fuq l-appellant għandu ma tistax tiġi skartata u ser jiddeċiedi dan l-appell billi jiċħdu.*

***Decide***

*In vista tal-kunsiderazzjonijiet ta' dan il-Bord, il-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzioni jiċħad l-appell tal-appellant u jżomm ferm mas-sentenza tiegħu tal-14 ta' Settembru, 2023.".*

## L-Appell

8. L-appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fit-30 ta' Jannar, 2025, fejn talab lil din il-Qorti sabiex:

> *"... jogħġobha tħassar id-deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni tat-23 ta' Jannar, 2025 u kif ukoll dik mogħtija fit-13 ta' Settembru, 2023 fil-proċeduri IAB/RP/31/2022 fl-ismijiet Mamdouh Altllas v. Id-Direttur taċ-Ċittadinanza u Affarijiet tal-Espatrijazzjoni, u tilqa' t-talbiet tal-appellant kif premess minnu fir-rikors tal-appell tiegħu sottomess quddiem il-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni."*

9. L-appellant qal li huwa għandu dritt jappella mid-deċiżjoni appellata, għaliex fil-preżent huwa jinsab residenti fit-territorju Malti b'mod leġittimu, ladarba għadha ma tteħditx deċiżjoni finali dwar l-applikazzjoni tiegħu. Spjega li huwa ħassu aggravat għaliex: (1) id-deċiżjoni appellata hija nieqsa minn kull motivazzjoni u konsiderazzjoni; (2) l-appellati naqsu milli jippruvaw il-każ tagħhom; (3) il-Bord naqas li jikkunsidra fatturi oħrajn.

10. L-appellati wieġbu li l-aggravji mressqa mill-appellanti, għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

*L-Ewwel Aggravju:* *[Id-deċiżjoni appellata hija nieqsa minn kull motivazzjoni u konsiderazzjoni]*

11. L-appellant qal li għal darba oħra, il-Bord ta deċiżjoni li hija nieqsa minn kull forma ta' motivazzjoni, u li ma tagħtix qies tal-konsiderazzjonijiet li saru minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha tat-3 ta' April, 2024. Qal li l-Bord jidher li ma tgħallem xejn mis-sentenza li ngħatat minn din il-Qorti, u li huwa mhux biss tħalla għal disa' xhur f'limbu legali dwar l-applikazzjoni tiegħu, imma talli għal darba oħra naqas gravament milli jagħmel indaġini profonda dwar ir-raġunijiet għalfejn hemm *non-recommendation* min-naħa tal-awtoritajiet tal-immigrazzjoni. Qal li din id-darba, il-Bord stess ammetta li x-xhieda taż-żewġ uffiċjali f'kariga għolja fil-

Korp tal-Pulizija u fil-Unit ta' Kontra t-Terroriżmu mhijiex sostanzjata, u l-*intelligence* li allegatament teżisti fil-konfront tiegħu, tammonta biss għal spekulazzjonijiet li mhumiex fondati. L-appellant qal li l-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni kellu l-obbligu li jidenfitika x'inhuma l-*grounds of public policy* u *public security* allegati mill-Aġenzija Identity Malta, u l-Bord ma kellux jagħmel għadd ta' allegazzjonijiet infondati li saru fil-konfront tiegħu. Hawnhekk l-appellant staqsa fuq liema bażi mexa l-Bord sabiex wasal għall-konvinzjoni morali li għandu jiċħad l-appell tiegħu. L-appellant qal li s-sitwazzjoni li abbażi tagħha l-Bord kellu jagħti d-deċiżjoni tiegħu, mhux talli ma nbidlitx, talli l-Bord ġie infurmat verbalment mill-Pulizija tat-Taqsima tal-Immigrazzjoni, li din kienet qiegħda tirtira l-oġġezzjoni tagħha għall-ħruġ tal-permess ta' residenza lill-appellant. L-appellant qal li jekk din id-dikjarazzjoni ma kinitx biżżejjed, huwa mar pass oltre sabiex jipprova l-innoċenza tiegħu, u jkompli juri kemm mhuwiex ta' theddida għas-sigurtà tal-pajjiż, u matul il-proċeduri huwa impenja ruħhu li jikseb konferma minn istituzzjonijiet ta' pajjiżi terzi, li ma teżisti l-ebda *intelligence* barranija fil-konfront tiegħu. Barra minn hekk, huwa ppreżenta wkoll kopja ta' stedina li rċieva mill-President tar-Repubblika ta' Malta sabiex fis-26 ta' Settembru, 2023 jipparteċipa *f'round-table discussion* dwar il-multi-kulturaliżmu. Qal li għalhekk il-Bord kellu diversi provi li jimmilitaw favur il-kondotta netta u r-reputazzjoni tajba tiegħu, liema provi mhumiex kontradetti, u huma inkontestati u aċċettati mill-appellati.

12. L-appellant qal li dak li tennew is-Supretendenti, illum Assistenti Kummissarji, fi ħdan il-Korp tal-Pulizija, George Cremona u Louise Calleja, huwa bla bażi, fieragħ, u ma sab l-ebda fondament f'dawn il-proċeduri. Qal li llum huwa jista' jgħid li kważi ħames snin wara li applika għall-permess ta' residenza, u wara

li interpona appell quddiem il-Bord, huwa baqa' fejn kien. Qal li minkejja li intavola proċeduri in prim'istanza bit-tama li jingħata rimedju wara li l-applikazzjoni tiegħu għal estensjoni tal-permess ta' residenza kienet ġiet miċħuda mill-appellata Aġenzija Identity Malta, huwa mhux talli ma ngħatax rimedju, talli baqa' mgħobbi b'mistoqsijiet, u għadu ma jafx għal liema raġuni huwa meqjus bħala persuna ta' theddida għas-sigurtà pubblika, meta l-kondotta tal-Pulizija tiegħu hija netta. Qal li agħar minn hekk, il-Bord naqas milli jitlob kjarifika, approfondiment jew provi oħra dwar l-allegazzjonijiet serji li saru fil-konfront tiegħu, u qabad u aċċettahom daqslikieku kienu ben fatt.

13. Dwar dan l-ewwel aggravju, l-appellati wieġbu li wara d-deċiżjoni ta' din il-Qorti tat-3 ta' April, 2024, il-Bord sejjaħ żewġ seduti oħra, u fin-nuqqas ta' informazzjoni ulterjuri li setgħet tingħata mill-Assistent Kummissarju George Cremona, u konsapevoli mill-fatt li hemm regoli stretti dwar l-iżvelar ta' informazzjoni li tkun fil-pussess tas-Servizzi tas-Sigurtà, il-Bord ħassu moralment konvint li x-xhieda li ngħatat ma setgħetx tiġi skartata. Qalu li għalkemm jista' jingħad li l-informazzjoni li ngħata l-Bord ma kinitx dettaljata, ma jistax jingħad li d-deċiżjoni tal-Bord mhijiex motivata, u huwa ċar li l-Bord wasal għall-konklużjoni tiegħu għaliex kien moralment konvint abbażi tax-xhieda li sema'.

14. L-appellant iħoss ruħu aggravat għaliex meta l-Bord ċaħad l-appell tiegħu mid-deċiżjoni tal-Aġenzija Identità Malta, ingħad li dan kien qiegħed isir minħabba raġunijiet ta' sigurtà pubblika li ma jistgħux jiġu żvelati lilu, sabiex ix-xogħol tat-Taqsima tal-Immigrazzjoni tal-Pulizija jiġi mħares. Il-Bord iċċita l-interess suprem li jitħarsu l-interessi tas-sigurtà tal-Istat bħala r-raġuni ewlenija

li minħabba fiha ma elaborax aktar dwar ir-raġunijiet għalfejn l-appell tal-appellant ġie rifjutat.

15. L-appellati laqgħu għal dan l-aggravju billi qalu li r-raġuni mogħtija mill-Bord kellha tkun motiv sufficjenti għar-rifjut tal-applikazzjoni tal-appellant, u l-Bord ma kellux għalfejn japprofondixxi dwar ir-raġunijiet għaliex il-permess relattiv kien qiegħed jiġi rifjutat, sabiex la jiġi preġudikat ix-xogħol tal-Pulizija, u lanqas ma tiġi ppreġudikata s-sigurtà tal-Istat. L-appellat qal ukoll li kien jinkombi fuq l-appellant li jressaq provi dwar il-kondotta tiegħu, xi ħaġa li l-appellant naqas milli jagħmel. Il-Qorti tibda billi tirrileva li l-appellant appella quddiem il-Bord bit-tama li jingħata rimedju, wara li l-applikazzjoni tiegħu għal estensjoni tal-permess ta' residenza abbażi tal-fatt li huwa ġenitur ta' ċittadini Maltin, kienet ġiet miċħuda minn Identity Malta. Il-Qorti tqis li l-proċeduri quddiem il-Bord saru bl-aktar mod sommarju, u l-Bord għamel tiegħu d-deċiżjoni mogħtija minn Identity Malta u r-rakkomandazzjoni tas-Servizzi tas-Sigurtà u tal-Korp li jekk tiġi milqugħha l-applikazzjoni tal-appellant, din tista' tkun ta' theddida għas-sigurtà tal-Istat Malti. Il-Qorti ttenni li l-allegazzjoni li l-preżenza ta' persuna f'Malta tista' tammonta għal theddida għas-sigurtà tal-Istat, m'għandhiex tittieħed b'leġġerezza, għaliex abbażi tagħha ttieħdet deċiżjoni li tista' taffettwa serjament l-libertà tal-moviment tal-appellant, il-pjanijiet futuri tiegħu u l-għajxien mhux biss tiegħu, iżda tad-dipendenti tiegħu, bħalma huma uliedu li huma ċittadini Maltin. Huwa għalhekk li l-Bord ma kellux jistrieħ biss fuq informazzjoni rċevuta permezz ta' email, iżda kellu jisma' aktar provi dwar x'inhuma dawn l-allegazzjonijiet tant serji fil-konfront tal-appellant li jimmeritaw li l-applikazzjoni tiegħu tiġi miċħuda. Il-Bord seta' jirregola l-mod kif jisma' dawn il-provi, u kif jagħmel il-verifiki dwar dak li ġie allegat mit-Taqsima tal-Immigrazzjoni tal-

Pulizija, anki mingħajr ma jippreġudika x-xogħol tal-Pulizija, iżda żgur li deċiżjoni meħuda abbażi ta' allegazzjoni li baqgħet bl-ebda mod mhux sostanzjata, ma tistax waħedha titqies bħala suffiċjenti biex tifforma l-bażi għad-deċiżjoni tal-Bord. Il-Qorti tisħaq li ma teżisti l-ebda dispożizzjoni fil-liġi tagħna li tgħid li fejn tkun saret dikjarazzjoni mill-Pulizija li hemm theddida għas-sigurtà pubblika, il-Bord huwa marbut li jirrifjuta l-appell tal-appellant. Huwa proprju dan li donnu qegħdin jimplikaw l-appellati fis-sottomissjonijiet tagħhom, li l-proċeduri quddiem il-Bord kważi kważi jsiru għall-formalità, ġaladarba tkun saret dikjarazzjoni mill-Pulizija li tinvoka l-ħarsien tas-sigurtà pubblika. Min jallega jrid jipprova, u ċertament li mhuwiex biżżejjed li jiġi dikjarat mill-Pulizija li teżisti theddida għas-sigurtà pubblika, sabiex ikun ippruvat li tabilħaqq teżisti dik it-theddida.

16. Għad li l-Bord talab lill-Assistent Kummissarju George Cremona biex jerġa' jitla' jixhed quddiemu ħalli jagħmel il-kjarifiki li kien hemm bżonn, wara li Cremona naqas li jerġà jitla' jixhed quddiem il-Bord, minkejja li kien ordnat li jagħmel dan, il-partijiet qablu li l-Bord iħalli l-każ għas-sentenza, u qagħdu fuq dak li Cremona bagħat jgħid lill-Bord li ma kellux xi jżid aktar ma' dak li kien diġà xehed quddiem il-Bord preċedentement. Il-Bord u anki l-appellant f'din l-istanza, flok ma insistew li l-Assistent Kummissarju George Cremona joqgħod għall-ordni tal-Bord, u jerġa' jitla' jixhed sabiex jikkjarifika u japprofondixxi dwar ir-raġunijiet għan-*non-recommendation* tal-appellat Direttur, aċċettaw li Cremona ma jerġax jitla' jixhed, u qablu li l-każ jista' jitħalla għad-deċiżjoni tal-Bord. Meta l-atti ta' dan l-appell intbagħtu lura quddiem il-Bord b'konsegwenza tas-sentenza ta' din il-Qorti tat-3 ta' April, 2024, sabiex dan jagħti qies tal-konsiderazzjonijiet li saru minn din il-Qorti fl-imsemmija sentenza tagħha, l-appellant ingħata l-opportunità

li jistaqsi lill-Assistent Kummissarju George Cremona d-domandi kollha li ħass li huma pertinenti għall-każ tiegħu, u jekk ix-xhud jirrifjuta li jwieġeb, l-appellant seta' tal-anqas jivverbalizza kull domanda li ried jagħmillu. Il-fatt li l-Bord naqas milli jagħti qies tal-konsiderazzjonijiet li saru minn din il-Qorti fl-imsemmija sentenza tagħha tat-3 ta' April, 2024, ikkontribwixxa wkoll għalih l-appellant, li aċċetta *at face value* dak li bagħat jinforma lill-Bord l-Assistent Kummissarju George Cremona li ma kellux xi jżid ma' dak li kien xehed preċedentement. Għal din ir-raġun, tenut kont ukoll tal-'kontributorjetà' tal-appellant, il-Qorti xorta tqis li dan l-aggravvju huwa mistħoqq, u tilqgħu.

*It-Tieni Aggravju:* *[L-appellati naqsu milli jippruvaw il-każ tagħhom]*

17. L-appellant qal li min jallega fatt, irid jippruvah, u qal li din il-Qorti, fis-sentenza tagħha tat-3 ta' April, 2024, saħqet li l-Bord *"kellu tal-anqas jitlob raġunijiet fattwali u mhux ġeneriċi għar-rakkomandazzjoni negattiva li saret fil-konfront tal-appellant."* L-appellant qal li wara din id-dikjarazzjoni huwa kien jistenna li l-Bord kien ser jesiġi mingħand l-appellati li jipproduċu fattwalment ir-raġunijiet għalfejn l-appellant huwa meqjus bħala theddida għas-sigurtà pubblika f'Malta, imma dan ma sarx. Qal li huwa rnexxielu jipprova li huwa għandu kondotta netta, iżda li l-Bord ma tah l-ebda widen. L-appellant qal li allegazzjoni li l-preżenza ta' persuna f'pajjiżna tista' tammonta għal theddida għas-sigurtà tal-pajjiż, mhijiex xi ħaġa fiergħa, u għandha tingħata l-importanza mistħoqqa. Qal li l-opinjoni espressa mill-Assistant Kummissarju George Cremona, illi li kieku kien għalih l-appellant diġà tkeċċa, tammonta biss għal estrapolazzjoni, u li ma tistax tiġi kkunsidrata bħala fatt. Qal li l-oneru tal-prova ta' fatt imiss lil min jallegah, u

hija dik il-parti li għandha ġġib l-aħjar prova. Spjega li l-Bord ta deċiżjoni li lilu taffettwalu ħajtu, u għalhekk kull deċiżjoni li tittieħed għandha tkun fondata minn provi akkwiżiti ċari, u li moralment jikkonvinċu lill-ġudikant.

18. Dwar dan l-aggravju l-appellati wieġbu li dan huwa inammissibbli, għaliex qiegħed jistieden lil din il-Qorti tgħarbel il-provi mill-ġdid. L-appellati fakkru li *ai termini* tal-artikolu 25A(8) tal-Kap. 217, appell mid-deċiżjonijiet tal-Bord jistgħu jsiru biss fuq punti ta' liġi. L-appellat żied jgħid li l-artikolu 25A(8) tal-Kap. 217 jipprovdi li appell minn deċiżjoni tal-Bord jista' jsir biss fuq punt ta' dritt, filwaqt li dan l-aggravju tal-appellant huwa msejjes fuq punti ta' fatt, b'tali mod li qiegħed jistieden lil din il Qorti terġa' tevalwa l-fatti mill-ġdid. L-appellat qal li huwa prinċipju assodat fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna li l-apprezzament tal-fatti mill-qorti jew tribunal tal-ewwel grad m'għandux normalment jiġi disturbat minn qorti ta' kompetenza superjuri, u dan għandu jsir biss f'dawk il-każijiet fejn iċ-ċirkostanzi jkunu tali li jikkonvinċu lill-qorti ta' reviżjoni illi l-apprezzament tal-provi mill-ewwel qorti jew tribunal kien tant żbaljat illi altrimenti kienet ser tiġi kkreata inġustizzja.

Il-Qorti tqis li l-mertu ta' dan l-aggravju diġà gie ttrattat estensivament fis-sentenza tat-3 ta' April, 2024, u anki fil-konsiderazzjonijiet li għamlet dwar l-aggravju preċedenti. Għalhekk tqis li dan l-aggravju huwa mistħoqq, u tilqgħu.

*It-Tielet Aggravju:* *[In-nuqqas ta' konsiderazzjoni ta' fatturi oħra]*

19. L-appellant qal li l-Bord reġa' naqas milli jikkunsidra fatti ulterjuri qabel għadda sabiex jagħti d-deċiżjoni tiegħu. Qal li l-Bord ma ħa l-ebda pożizzjoni dwar jekk huwa fil-fatt jissodisfax il-kriterji għall-ħruġ ta' permess residenzjali *ai*

*termini* tal-artikolu 7 tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta, liema permess residenzjali kien il-pern tal-proċeduri fil-prim'istanza. Qal li l-Bord naqas milli jikkunsidra ċ-ċertifikati tat-twelid tal-ulied minorenni tal-appellant li kellhom jitqiesu bħala l-aqwa prova fir-rigward tal-ħruġ ta' permess ta' residenza qua *'persuna eżenti – membru tal-familja'*. Qal li l-Bord baqa' kompletament sieket dwar dan. Qal ukoll li l-Bord lanqas ma ħa konjizzjoni ta' fatturi ulterjuri fir-rigward tal-pożizzjoni tiegħu, fosthom li huwa ilu jgħix hawn Malta għal kważi għoxrin sena, huwa ġenitur ta' żewġ ċittadini Maltin li għandhom ħajjithom stabbilita f'Malta, u li huwa jħallas it-taxxi u għandu wkoll proprjetà ġewwa Malta. Hawnhekk għal darb'oħra l-appellant iċċita estensivament mid-deċiżjoni li tat din il-Qorti fir-rigward.

20. L-appellati qalu li l-Bord apprezza li minkejja li din il-kwistjoni timmerita sensittività, din ma tiħux preċedenza fuq is-sejbien ta' periklu għas-sigurtà pubblika b'mod ġenerali, liema periklu huwa wkoll suffiċjenti sabiex persuna titkeċċa mill-pajjiż minkejja li jkollha rabtiet miegħu jew ulied residenti jew ċittadini fih, u li għalhekk dan l-aggravju wkoll huwa infondat u għandu jiġi miċħud.

Il-Qorti tqis li mertu ta' dan l-aggravju diġà ġie ttrattat fil-fond fis-sentenza ta' din il-Qorti tat-3 ta' April, 2024. Għalhekk tqis li dan l-aggravju huwa ġustifikat, u tilqgħu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, taqta' u tiddeċiedi dwar dan l-appell billi tilqgħu limitatament u tħassar id-deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni**

**tat-23 ta' Jannar, 2025, u kif ukoll dik mogħtija fit-13 ta' Settembru, 2023 fil-proċeduri IAB/RP/31/2022 fl-ismijiet Mamdouh Altllas *vs.* Id-Direttur taċ-Ċittadinanza u Affarijiet tal-Espatrijazzjoni, u d-deċiżjoni tal-Aġenzija appellata tat-22 ta' Novembru, 2022. Barra minn hekk tiddikjara però li hija ma tistax tilqa' t-talbiet tal-appellant kif premessi minnu fir-rikors tal-appell tiegħu sottomess quddiem il-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni, għaliex din il-Qorti, minkejja li tista' tissindika d-deċiżjonijiet mogħtija mill-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni u mill-Aġenzija appellata, ma tistax tkun hija li tordna li jinħareġ xi permess li jkun ġie miċħud mill-Bord u jew mill-Aġenzija appellata, u dan għaliex il-kompetenza ta' din il-Qorti hija purament waħda ta' reviżjoni, u ma tistax tarroga fuqha l-poter deċiżjonali li għandhom l-appellati u l-Bord. Għalhekk bla preġudizzju għal kull azzjoni oħra li jista' jieħu l-appellant f'fora ġudizzjarji oħrajn, kull ma tista' tagħmel din il-Qorti f'din l-istanza, huwa li tirrafferma l-konsiderazzjonijiet tagħha fis-sentenza tat-3 ta' April, 2024 u f'din is-sentenza, minbarra li tħassar l-imsemmija deċiżjonijiet appellati u d-deċiżjoni tal-Aġenzija appellata.**

**L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri fiż-żewġ istanzi huma a karigu tal-appellati.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Christian Sammut**
**Deputat Reġistratur**